31972R2840

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 2840/72 TAL-KUNSILL
tad-19 ta' diċembru 1972
li jikkonkludi l-ftehim bejn il-komunità ekonomika ewropea u l-konfederazzjoni svizzera u li jadotta d-disposizzjonijeit għall-implimentazzjoni tiegħu u li jikkonkludi ftehim addizzjonali dwar il-validità, għall-prinċipalità ta' liechtenstein tal-ftehim bejn il-komunità ekonomika ewropea u l-konfederazzjoni svizzera tat-22 ta' lulju 1972

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

wara li kkunsidra t-trattat li jistabbilixxi l-komunità ekonomika Ewropea, u partikolarment l-artikolu 113 tiegħu,

wara li kkunsidra l-proposti tal-Kumissjoni,

billi l-ftehim bejn il-komunità ekonomika ewropea u l-konfederazzjoni svizzera iffirmat fi brussel fit-22 ta' lulu 1972 għandu jiġi konkluż u d-dikjarazzjonijiet l-annessi ma' l-att finali, flimkien mal-ftehim addizzjonali dwar il-validità tal-ftehim imsemmi hawn fuq għall-prinċipalità ta' liechtenstein, ukoll iffirmat fi brussel fit-22 ta' lulju 1972, għandu jiġi adottat;

billi, peress li l-ftehim jistabbilixxi kumitat konġunt, għandhom jiġu maħtura rappreżentanti tal-komunità fuq dan il-kumitat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-ftehim bejn il-komunità ekonomika ewropea u l-konfederazzjoni svizzera, l-annessi u l-protokolli li hemm miegħu, u d-dikjarazzjonijiet l-annessi ma' l-att finali qegħdin hawnhekk jiġu konklużi, flimkien mal-ftehim addizzjonali dwar il-validità tal-ftehim imsemmi hawn fuq għall-prinċipalità ta' liechtenstein; adottat u konfirmat f'isem il-komunità.

It-testi tal-ftehim u l-att finali huma l-annessi ma' dan ir-regolament.

Artikolu 2

Skond l-artikolu 36 tal-ftehim, il-president tal-kunsill tal-komunitajiet ewropej għandu jinnotifika li l-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim ġew mitmuma min-naħa tal-komunità.

Artikolu 3

Fil-kumitat konġunt li hemm provediment għalih fl-artikolu 29 tal-ftehim, il-komunità għandha tkun rappreżentata mill-kumissjoni, assistita mir-rappreżentanti ta' l-istati membri.

Artikolu 4

Dan ir-regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-20 ta' diċembru 1972.

Dan ir-regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-istati membri kollha.

Magħmul fi brussel, id-19 ta' diċembru 1972.

Għal-kunsill

Il-president

T. WESTERTERP